

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 158/2017

tat-22 ta' Settembru 2017

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2019/1046]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2259 tal-15 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾ jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/838 tas-17 ta' Mejju 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 fir-rigward tal-għalf għal ċerti annimali organiċi tal-akkwakultura ⁽²⁾ jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punti 54bb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008):

“— **32016 R 2259:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/2259 tal-15 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 342, 16.12.2016, p. 4).”

2. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008):

“— **32017 R 0838:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/838 tas-17 ta' Mejju 2017 (ĠU L 125, 18.5.2017, p. 5).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2259 u (UE) 2017/838 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 342, 16.12.2016, p. 4.

⁽²⁾ ĠU L 125, 18.5.2017, p. 5.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2017.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Sabine MONAUNI
